BIRKIRKARA

Minuti tat- Tlieta u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 8 ta' Gunju 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Assenti Skuzata) |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenti Skuzata) |

**<u>L-Ufficjal:</u>**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, s-Sur John Borg, u s-Sur John Mizzi,. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys Dott. Francesca Zarb kienet skuzata filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sinjur Matthew Mangion kien prezenti. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Is-Sur John Borg qal li fil-laqgha precidenti huwa kien skuzat u mhux kif hemm imnizzel assenti.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 32

3.1 Il-minuti tat-Tnejn u Tletin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, u s-Sur John Borg. Il-minuti tal-laqgha 32 gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis–Sinjur Anthony Buttigieg.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 32.

4.1 Dwar 4.2, is-Sindku Joanne Debono Grech qalet li s-segretarju kif gie mitlub mid-dipartiment, kien kiteb rapport dwar il-kaz ta' pagamenti li kienu dovuti lill-V&C Contractors Ltd. Hi spjegat li meta saret sindku hi, sabet xi kontijiet pendenti ta' dan il-kuntrattur kif ukoll xi xogholijiet li kienu ghadhom ghaddejjin fi Sqaq Buzawra. Wara li kien sar pagament

ghal xogholijiet li kienu saru f'dan l-isqaq u li kienu saru fi zmienha, irrizulta li dan ix-xoghol kien sar bla tender. Ghalhekk hi rrappurtat dan il-kaz lid-dipartiment fejn saret talba lid-dipartiment sabiex jigwida lill-kunsill kif seta jsiru l-pagament ghal-xogholijiet li kien ghamel dan il-kuntrattur. Is-Sur Michael Cohen mid-dipartiment, talab lis-segretarju biex jaghmel rapport ta' kif kienu graw l-affarijiet. Kopja ta' dan ir-rapport jinsab anness ma' dawn il-minuti u huwa mmarkat bhala Dok 'A'. Is-segretarju qal li hu ghandu jaghmel verifikazzjoni dwar liema rati intuzaw biex inhadem il-kont ta' Pjazza Tumas Fenech, jigifieri jekk mhux bir-rati li jidru f'tender BLC09/11 jew dawk f'BLC14/12.

Is-segretarju qal li m'hemmx dubju li dan ix-xoghol kien sar u ghalhekk kien qed jitlob lill-kamra tapprova dan ir-rapport biex b'hekk id-dipartiment ikun jista jigwida lill-kunsill kif ghandhom isiru dawn il-pagamenti wara li jkunu saru c-certifikazzjonijiet mehtiega. Wiehed irid jghid li x-xoghol kollu huwa iccertifikat hlief dak ta' Pjazza Tumas Fenech. Ir-rapport izied jghid li kull pagament li ghandu jsir fil-futur dwar dan il-kaz ghandu jsir biss bl-approvazzjoni tad-dipartiment u bil-miktub.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fir-rapport fejn is-Sur Jonathan Vella qal *li 'a tender is in place'* xtaq jinforma lill-kamra li t-tender tal-PPP kien ghadu *in place* meta sar dan ix-xoghol. Hu zied jghid li cert li s-Sur Jonathan Vella kellu BOQ f'idejh meta hu qal '*funds were approved'*. Barra minnhekk huwa zied jghid li ma jistax jifhem kif xoghol li sar fi zmien is-sindku prezenti thallas waqt li iehor li sar fi zmienu ma thallasx, meta s-sindku kienet qed issostni li dan ix-xoghol kien sar bla tender, ghalkhemm hu ma jaqbilx ma dan ir-raggunar. Is-Sindku wiegbet li hi tikkonferma li kien sar dan il-pagament sar u ziedet tghid li dan kien zball u mhux suppost li sar. Rigward it-tender tal-PPP, is-Sindku qalet li hi kienet giet infurmata li dan it-tender ma setax jintuza peress li t-toroq li jaqaw taht dan it-tender huma msemmijja u dan ix-xoghol in kwistjoni ma kienx parti mill-lista f'dan it-tender. Is-Sur John Borg talab klarifika ghalfejn kien qed jinghad li dan ix-xoghol sar bla-tender. Is-segretarju spjega dak li kien hemm fir-rapport biex jaghti stampa izjed cara.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li wiehed ghandu janalizza r-rapport tas-segretarju. Huwa staqsa kienx hemm qbil rigward il-kont tan-nicca tal-erwieh. Is-segretarju ikkonferma li dan kien sar b'tender u li l-kont

eziztenti kien wiehed ghall-varjazzjoni. Xogholijiet li saru fi Triq Tumas Fenech, zied jghid ukoll kienu koperti b'tender. Ghalhekk is-Sur Michael Fenech Adami qal li lanqas f'dan il-kaz ma' kienx hemm problema Is-segretarju qal hu ma jaqbilx mieghu f'dan il-kaz peress li l-unika tarmac li jissemma fit-tender BLC09/2011 huwa dak ghall-hames metri li kellu jsir biex jaqqad il-pavimentar mal-kumplament tat-triq. Minhabba l-volum zghir dan ix-xoghol huwa pprezzat b'rata gholja u zgur ma tistax tintuza din ir-rata sabiex jigi ikkalkulat il-metragg kollu li fill-fatt sar.Is-segretarju qal li hu ma kienx jaqbel mieghu ukoll ghax dan it-tender ma kienx ikopri *major resurfacing* imma xoghol ta' gonot u kien ghalhekk li r-rati kienu gholja. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li meta l-*Water Services* jirrikjedu li jsiru xogholijiet ghas-servizzi taghhom, l-ispejjes involuti kienu jkunu ghad-danni taghhom. Is-Segretarju qal li hu kien gab verifika dwar dan minghand il-kuntrattur fejn dan qallu li f' dan il-kaz il-Water Services kienu jhallsu l-ispejjes ta' materjal biex jinbidlu l-*mains* u servizzi ghad-djar imma *r-resurfacing* tat-triq kien responsabilta tal-kunsill. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li rigward Triq Fonzu Maria Galea u Sqaq Buzawra kien hemm qbil mill-kunsill kollu li dawn ghandhom isiru. Ghalhekk il-problema hu zied jghid hija biss dwar Sqaq it-Tigieg u Misrah it-Tigieg li dawn ghandhom jithallsu minn *Transport Malta* kif kien imwieghed. Hu ssuggerrixxa li l-kamra ghandha tapprova dan ir-rapport biex b'hekk ikunu jistghu jibdew jithallsu l-pendenzi u jibqghu pendenti biss Sqaq it-Tigieg u Misrah it-Tigieg. Rigward dawn zied jghid is-Sur Noel Gauci kien qallu li ladarba huwa jkollu ic-certifikazzjoni ta' dawn it-toroq kif ukoll ir-rizultati tat-testijiet mehtiega hu kien lest li jghaddi dawn id-dokumenti biex isir il-pagament. Hu qal li s'issa dan kien ghadu ma sarx ghax il-kunsill ma kienx baght lil-perit Noel Gauci tat-*Transport Malta*, dawn id-dokumenti. Ghalhekk hu kien qed jistaqsi ghaliex dan ma sarx. Is-segretarju wiegeb li hu flimkien mas-Sindku kienu ddecidew li ma jaghmlux dan, ghax bezghu li jigu akkuzati li kienu qed jizgwidaw lill-*Transport Malta* u ghalhekk talbu lid-dipartiment biex jaghtihom gwida dwar dan. Is-segretarju qal li jekk id-dipartimet jaghtih permess li jibghat dawn id-dokumenti huwa kien jaghmel dan minnufih.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jistax jifhem kif il-kunsill kien irceva il-kontijiet ta' dawn it-toroq u gew accettati. Mhux hekk biss, imma kif gie mhallas il-perit ghal dawn ic-certifikazzjonijiet u issa l-kunsill ma jridx ihallas il-kuntrattur. Hu zied jghid li dan ir-rapport kull ma kien qed jghid huwa li l-kuntrattur V&C Contractors Ltd kien dovut hlas mill-kunsill ghal xoghol li ghamel. Li x-xoghol sar kien stat ta' fatt. Peress li fuq dan kien hemm qbil, ghalhekk dan ir-rapport ghandu jigi approvat. Is-Sindku

wiegbet li hi kienet sejra tiehu parir legali. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li s-Sindku ma kienetx ha tapprova dan ir-rapport ghax hi ma riedetx thallas lill-kuntrattur. Is-Sindku qalet li dan ma kienx minnu u li hi kienet sejra tiehu parir legali biex tkun certa li l-affarijiet kienu qed isiru sew. Is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Sindku biex jittiehed vot kif gie mitlub mid-dipartiment. Is-Sindku wiegbet li minn naha taghha hi ma kienetx lesta li tiehu l-ebda vot. Madanakollu fl-ahhar gie deciz li jittiehed vot biex jigi approvat ir-rapport u b'hekk ikun jista jibda jsir il-hlas lill-V&C Contractors Ltd. Dawk favur kienu s-Sur Michael Fenech Adami, s-Sur John Mizzi, s-Sur John Borg u s-Sinjura Marie Claire Zammit. Dawk kontra kienu s-Sindku Joanne Debono Grech, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur Liam Gauci, Is-Sur Kaylock Buhagiar, is-Sur Jimmy Calleja, u s-Sur Herbert Conti.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 23 u tal-Petty Cash.

5.1 Is-Sur Jimmy Calleja staqsa rigward numru 1 pagamenti lill- 3a Accountants. Is-Segretarju spjega li dawn huwa pagamenti ghal servizzi tal-accountant tal-kunsill.

5.2 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa dwar numru 29. Dan kien pagament lil P.L. Daniel Aquilina biex infethet kawza kontra il-kuntrattur M.C. Deguara li kellu jaghti lill-Kunsill madwar €9,000 u li kien sar ftheim biex jibda jaqta dan l-ammont fix-xahar.

5.3 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa rigward numru 52. Dan kien pagamaent ta' €900 lil Malta Communications Authority ghall WIFI fi Gnien l-Istazzjon. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li sa fejn jaf hu dan l-pagament kien ikopri ghas-servizz mghoti lill-ufficju, dak hdejn ic-Cak f' Ta' Paris, fi Gnien l-Istazzjon u hdejn L-Imriehel. Is-Sur Liam Gauci qal li sa fejn jaf hu dan huwa pagament ghal dak is-servizz li hemm gewwa Gnien L-istazzjon waqt li dak tal-ufficcju jithallas mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa zied jghid li fejn dak ta' hdejn ic-Cak hemm tabella fejn turi li hemm servizz tal-WIFI pero illum m'hemmx servizz. Is-

segretarju gie mitlub igib il-kuntratt li kien sar mal-Malta Communications Authority. Il-Kuntratt jghid li dan il-pagament ta' €900 huwa ghall-Gnien l-Istazzjon biss.

Il-Lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty cash kienu tqassmu qabel il-laqgha u meqjusa bhala moqrija. Dawn gew approvata mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.1 Meta is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien lest li jqajjem il-Kwistjoni tal-V&C Contractors Ltd waqt il-laqgha tal-kabinett li kellha ssir gewwa l-kunsill ta' Birkirkara, s-Sindku wiegbet li hi biss kellha permess titkellem ghan-nom tal-lokalita waqt din il-laqgha. Is-Sur John Borg qal li fl- e-mail li kienet intbaghtet ma kienx jifthiem hekk.

6.2 Is-Sur John Borg qal li qed jinota li l-kaxxi 'Reserved' qed jizdiedu b'ritmu mghaggel. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien jikkonferma dan b'kaz partikolari fi Triq Brared quddiem wiehed tal-haxix. Is-Sindku spjegat li din il-kaxxa giet imressqa peress li qabel, din kienet quddiem garaxx u dan kien kontra l-ligi. Hi qalet li min kien qed jaghmel uzu minn din il-kaxxa kien kaz genwin. Is-Sur Michael Fenech Adami ikkonferma li dan kien minnu.

## 7 Korrispondenza

7.1 Is-Sindku qalet li l-kunsill kien irceva petizzjoni fejn residenti ta' Triq Giovanni Pappafy kienu qed jilmentaw li kien sejjer jiftah Gym f'din it-triq. Huma qalu li peress li minn din it-triq jghaddi hafna traffiku, l-kunsill ghandu joggezzjona li dan jithalla jinfetah. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li meta hu kien ilmenta dwar progett monstruz li ghandu jsir gewwa s-Swatar, mill-Awtorita tad-Djar, il-kunsill ma kien ghamel xejn biex dan jitwaqqaf. Ladarba din kienet id-

decizjoni tal-kunsill dakinhar, allura l-istess trattament ghandu jinghata lil dan il-kaz.

Ic-Chairperson tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion qal li hu jikkonferma li ma kienx instab appogg mill-Kunsill ta' Birkirkara meta l-Awtorita tad-Djar applikat biex jinhareg il-permess biex isir progett kbir gewwa s-Swatar. Hu zied jghid li f'din iz-zona hemm bzonn li jsir *traffic management* bis-serjeta.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku qalet li l-kunsill kellu japprova s-somma ta' €600 biex jinxtraw kotba ghall-librerija. Il-Gvern Centrali kien wieghed li johrog l-istess ammont kif indikat f' Memo ghall-istess ghan. Il-Kunsill qabel u approva din id-decizjoni.

8.2 Is-segretarju informa l-kamra li kien sejjer jiftah kont iehor mal-Bank of Valletta sabiex jigu ddepozitati flus li l-kunsill kellu jircevi tal- 'Green Urban Project'. Parti minn dawn il-flus kienu ga f'idejn il-kunsill.

8.3 Is-Sindku talbet lis-Segretarju jaghti spjegazzjoni dwar seminar li attendew ghalih is-segretarju kif ukoll il-kunsillier is-Sur John Mizzi gewwa Osla fin-Norvegja. Is-Segretarju spega li dan kien progett tan-'Norway Grants' fejn hu kien ipprepara xi studju fuq il-lokalita ta' Birkirkara u attenda diversi seminars gewwa Malta li kienu organizati minn dawn l-istess Norway Grants. Kien ghalhekk li dawn tal-ahhar stiednu lis-Sindki kif ukoll lis-Segretarji Ezekuttuvi ta' dawk il-lokalitajiet li hadu sehem f'dan il-program biex jzuru in-Norvegja ghal-seminar ta' gimgha, ghas-spejjes tal-istess Norway Grants. Peress li s-Sindku ma xtaqetx tattendi u lanqas is-segretarju, gie deciz li jattendu zewg kunsilliera li attendew ghal dan is-seminar f'xi okkazzjoni meta s-segretarju ma setax jattendi. Wara li gie mgharraf is-Sur Adrian Mifsud tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kien il-koordinatur ta' dan il-progett dwar dan, is-Sindku giet imfurmata li dan ma kienx possibli ghax l-istedina kient ghas-Sindki u Segretarji Ezekuttivi biss u jekk xi hadd minn dawn ma setax jattendi allura seta jmur kunsillier wiehed u impjegat. Il-kunsillier John Mizzi informa lis-Sindku li hu kien attenda ghal ftit minn dawn is-seminars u ghalhekk xtaq li jattendi. F'dan l-istadju s-segretarju ddecieda li jattendi hu ukoll. Ghalhekk ghal dan is-seminar

attendew is-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll il-Kunsillier John Mizzi. Issa s-segretarju zied jghid li wara s-seminar, tan-Norway grants kellhom jippreparaw rapport kif ukoll *manual* biex juru kif sistemi uzati fin-Norvegja jkunu jistaw jigu uzati Malta.

Kien f'dan l-istadju li s-Sur John Mizzi qal li xtaq jikklarifika certi affarijiet. Hu qal li kien gie maghzul peress li hu kien informa lis-Sindku dwar din l-istedina fl-ahhar gurnata qabel ma ghalqu l-applikazzjonijiet u wara li hi kienet kkonfermat mas-segretarju li l-kunsill ma kienx sejjer johrog ebda flus ghal din iz-zjara. Peress li hu qalha li kien jattendi ghall dawn is-seminars, hi accettat li kellu jmur hu bhala kunsillier, flok is-sindku. Is-Sindku qalet li s-segretarju u s-sur John Mizzi kienu marru fl-ufficcju taghha fejn is-segretarju informha dwar din l-istedina. Wara li hi u s-segretarju irrifjutaw li jilqghu din l-istedina, s-Sur John Mizzi wera x-xewqa li jmur hu peress li kien hu li attenda ghall-laqghat. Is-Sindku ziedet tghid li kieku hi kienet taf li kien hemm is-Sur Jimmy Calleja ukoll li kien attenda ghal xi laqghat, kienet ittella isimmhom bill-polza. Meta s-Sur John Mizzi wiegeb li hu kien informha li s-Sur Jimmy Callejja kien attenda ghal dawn is-seminars ukoll is-Sindku wiegbet li dan ma kienx minnu u li hu kien ipprova jingannha.

Is-Sur John Mizzi talab lis-Sindku tizkuza ruhha talli hi kienet ghajjritu mbrulljun quddiem l-impjegati. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dawn l-affarijjiet ta' tghajjir ghandhom jiefqu minnufih. Hu zied jghid li dawn l-affarijiet qatt ma saru, la fi zmienu u lanqas fi zmien sindki ohra precidenti. Hu zied jghid li kienu wasslulu hafna ilmenti mill-publiku li kien qed isir tghajjir u kummenti kontra n-Nazzjonalisti. Dan ma kienx accettabli u qal li l-kunsilliera kollha ghandhom jintwerew rispett, huma minn huma. Kaz minn dawn gara meta hu kien bghat lil xi persuna mill-V&C Contractors Ltd b'envelope u qallu biex jaghtih lis-Sinjura Dorriane Pullicino, impjegata tal-kunsill. Hu zied jghid li f'dan il-mument inghaddew xi kummenti met agie skopert li l-envelope koen intbaghat mis-Sur Michael Fenech Adami. Is-Sindku qalet li s-Sinjura Dorriane Pullicino ghandha titla quddiem il-kunsill li jmis biex tghid x'kien gara dakinhar. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li din il-persuna ma kienetx is-Sinjura Dorriane Pullicino u ghalhekk m'ghandiex ghalfejn titla quddiem il-kunsill. Min qallu b'dan kienet il-persuna tal-V&C Contractors Ltd li gab l-envelope u li kien jismu Randolph Cauchi.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.40 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 8 ta' Gunju 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku